**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 261/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**Marwan Alshamari**
**Alhasan Taha**

**Illum 2 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Marwan Alshamari**, iben Ayed u Mariam, imwieled fis-6 ta' Jannar 1994 ġewwa Al Sukhnah, Syria, u detentur ta' Refcom Nru. 24520, u fil-konfront ta' **Alhasan Taha**, iben Mahmoud Alhasan u Hato Alhasan, imwieled fil-11 ta' Settembru 1997 ġewwa Alsoukhna, Syria, u detentur ta' Refcom Nru. 28455, talli:

1. Nhar is-27 ta' April 2021, għall-ħabta ta' bejn il-23:00hrs u l-23:30hrs ta' filgħaxija, ġewwa Triq Ġuze Pace, Ħamrun, u fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Mohamad Saalim, u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Mohamad Saalim u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;

U rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Marwan Alshamari** waħdu:

1. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Mohamad Saalim, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikata minn Dr. Rowena-Marie Zrinzo, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 4632 mill-Isptar Mater Dei;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex (ii) il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-sigurtà ta' Mohamad Saalim;

Rat li l-imputati entrambe wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "LZ2" sa' Dok. LZ4" a fol. 10 sa' 12 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Stephen Gulia[2], ta' l-Ispettur Lydon Zammit[3] u ta' Mohamad Saalim[4], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Stephen Gulia markati Dok. "SG1" sa' Dok. "SG10" a fol. 37 sa' 50 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia[5], in rappreżentanza ta' Transport Malta, ta' PS991 Alexander Gauci[6] u ta' Adai Alali[7], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC" a fol. 78 sa' 81 tal-proċess, rat li Mahmoud Alaiwi għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri sabiex ma jinkriminax ruħu, semgħet ix-xhieda ta' Wadah Awad[8], ta' PC601 Justin Spiteri[9], ta' PC1352 Ishmael Buhagiar[10] u ta' Aziz Mohammed[11] (dan ta' l-aħħar xehed għall-finijiet ta' talba għall-ħelsien mill-arrest li kienet saret mill-imputati) ilkoll mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2021, semgħet ix-xhieda ta' PS965 Maverick Camilleri[12] u PC693 Christian Attard[13] mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2021, semgħet ix-xhieda ta' PC107 Nicolai Maria Dalli Avallone[14], ta' PC681 Noel Muscat[15], ta' PC1025 Waylon Cassar[16] u ta' PC1527 Greg Marney[17] ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2021, semgħet ix-xhieda ta' PS331 Dien

[1] Fol. 7 u 8 tal-proċess.
[2] Fol. 27 sa' 36 tal-proċess.
[3] Fol. 51 tal-proċess.
[4] Fol. 52 sa' 64 tal-proċess.
[5] Fol. 77 tal-proċess.
[6] Fol. 82 sa' 86 tal-proċess.
[7] Fol. 88 sa' 104 tal-proċess.
[8] Fol. 107 sa' 113 tal-proċess.
[9] Fol. 114 sa' 117 tal-proċess.
[10] Fol. 118 sa' 121 tal-proċess.
[11] Fol. 122 sa' 124 tal-proċess.
[12] Fol. 175 sa' 177 tal-proċess.
[13] Fol. 178 u 179 tal-proċess.
[14] Fol. 181 u 182 tal-proċess.
[15] Fol. 183 u 184 tal-proċess.
[16] Fol. 185 u 185 tal-proċess.
[17] Fol. 187 u 189 tal-proċess.

Camilleri[18], PC321 Joseph Casha[19], PC437 Jurgen Falzon[20] u ta' Dr. Rowena Marie Zrinzo[21] lkoll mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Awwissu 2021, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Stacy Gatt mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Settembru 2021[22] u semgħet ix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna[23] , ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[24], tas-Scene of Crime Officers PS586 Mario Azzopardi u PS2293 Michelle Camilleri[25] lkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2021 u rat il-Procès-Verbal bin-Numru 874/2021 esebit mid-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna a fol. 225 tal-proċess, ir-Relazzjoni ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar markata Dok. MC a fol. 228 sa' 242 tal-proċess, ir-Relazzjoni tas-Scene of Crime Officers PS586 Mario Azzopardi u PS2293 Michelle Camilleri markata Dok. "MA" a fol. 245 sa' 294 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2021[26] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MB" a fol. 299 sa' 316 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Diċembru 2021[27] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 321 sa' 351 tal-proċess), semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Dr. Alexander Scerri Herrera mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2022[28] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "AS" a fol. 358 sa' 379 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-interpretu Bader Zina[29] u ta' l-Espert Tekniku l-Perit Valerio Schembri mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2022[30] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "VS" a fol. 384 sa' 390 tal-proċess u semgħet ix-xhieda taż-żewġ imputati mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2022[31];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Mejju 2022[32], permezz ta' liema bagħat:

Liż-żewġ imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 267, 270, 274, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U

[18] Fol. 203 u 204 tal-proċess.
[19] Fol. 205 u 206 tal-proċess.
[20] Fol. 207 u 208 tal-proċess.
[21] Fol. 209 u 210 tal-proċess.
[22] Fol. 215 sa' 217 tal-proċess.
[23] Fol. 224 tal-proċess.
[24] Fol. 226 u 227 tal-proċess.
[25] Fol. 243 u 244 tal-proċess.
[26] Fol. 297 u 298 tal-proċess.
[27] Fol. 320A sa' 320C tal-proċess.
[28] Fol. 357 tal-proċess.
[29] Fol. 381 tal-proċess.
[30] Fol. 382 tal-proċess.
[31] Xhieda ta' l-imputat Marwan Alshamari fol. 421 sa' 425 tal-proċess u xhieda ta' l-imputat Taha Alhasan fol. 426 sa' 430 tal-proċess.
[32] Fol. 397 tal-proċess.

Lill-imputat Marwan Alsharami waħdu sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(ċ), 217, 218(1)(a)(b), 281(2)

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2022[33], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputati entrambe ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja; inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati flimkien qed jiġu mixlija: (1) talli nhar is-27 ta' April 2021, għall-ħabta ta' bejn il-23:00hrs u l-23:30hrs ta' filgħaxija, ġewwa Triq Ġuze Pace, Ħamrun, u fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Mohamad Saalim, u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entitajiet oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Mohamad Saalim u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġu, **u** l-imputat Marwan Alshamari waħdu qed jiġi mixli ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Mohamad Saalim, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikata minn Dr. Rowena-Marie Zrinzo, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 4632 mill-Isptar Mater Dei.

Iż-żewġ imputati jiddikjaraw li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 4 ta' Mejju 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat liż-żewġ imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 267, 270, 274, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U

Bagħat lill-imputat Marwan Alsharami waħdu sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

[33] Fol. 400 tal-proċess.

• Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(ċ), 217, 218(1)(a)(b), 281(2).

**Provi:**

**L-Ispettur Stephen Gulia**[34] xehed illi *nhar is-27 t April tas-sena 2021 għall-ħabta tal-23:15hrs, il-pulizija tal-Ħamrun ġew infurmati illi ġewwa Triq Guzè Pace kantuniera ma Triq Abela, ġewwa l-Ħamrun stess, kien hemm argument illi kien jinvolvi aktar minn persuna waħda, diversi persuni. Jiena dakinhar kont ukoll night patrol officer flimkien mas-surġent 965 u rrikorrejna immedjatament fuq il-lok indikat. Mal-wasla tagħna kien hemm il-pulizija tad-distrett kif ukoll il-pulizija tal-RIU li ġejna avviċinati minn persuna anonima li ndikatilna illi ġewwa Triq Guzè Pace kantuniera ma Triq Abela kien hemm dan l-argument fejn il-vittma li ġarrbet ġrieħi gravi, dak il-ħin apparentement kienu gravi, rikbet f vettura tal-għamla BMW ta lewn iswed bin-numru ta reġistrazzjoni KBT-761 li hija reġistrata fuq ċertu Mohammed Asad Abdalghani, detentur tal-karta tal-identità numru 256361(A). Mill-istħarriġ illi sar fuq il-post irriżulta li kien hemm xi dmija mal-art li kienu probabilment tal-vittma li ħareġ waqt l-argument. Għaldaqstant, PC 693 tad-distrett tal-Ħamrun baqa fuq il-post bħala fixed point sabiex jippreserva x-xena. Waqt li konna hemmhekk għadna fuq il-post, is-surġent 601 u PC 1352, infurmawni illi kienu għadhom kif waqqfu lill-imsemmija vettura BMW bin-numru ta reġistrazzjoni KBT-761 ġewwa Triq San Ġorġ, Santa Venera li hija żewġ kantunieri l-bogħod, hija between il-limits tal-Ħamrun u Santa Venera. Mill-istħarriġ li sar irriżulta illi l-persuna li kien qed jagħmel użu minn din il-vettura kien ċertu Awad Wadah, detentur tal-permess tar-residenza Ġermaniża Y00HGGZYK, li jirrisjedi ġewwa Number 1, Triq l-14 ta Novembru, Santa Venera, ftit il-bogħod minn fejn ġie mwaqqaf. Immedjatament, Awad Wadah ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu kif ukoll ġie nfurmat bir-raġuni tal-arrest. Aktar minn hekk, min-naħa tagħna ġie nnutat illi fuq il-karozza l-BMW kien hemm xi dmija fuq in-naħa tal-but ta wara u kif ukoll fuq il-post, ftit metri l-bogħod mill-karozza, ġew innutati diversi oġġetti fosthom sikkina li kellha d-demm, briksa tal-ġebel li kellha d-demm ukoll u kif ukoll injama bl-imsiemer herġin minnha, injama twila kważi metru. Għalhekk, struzzjonajt sabiex PC 231 tal-għassa tal-Ħamrun jibqa fixed point mat-tieni xena sabiex tiġi preservata t-tieni xena. Filwaqt illi Awad Wadah kien qed jiġi arrestat, ta min jgħid li kien waħdu dak il-ħin fil-karozza, ġejt infurmat mill-pulizija tal-RIU, is-surġent 1025 u PC 1527, li kienu għadhom kif waqqfu 3 persuni ġewwa Triq Brighella, Santa Venera, li hija biss kantuniera l-bogħod minn fejn twaqqaf Awah Wadah. Immedjatament irrikorrejt fuq il-post fejn irriżulta illi dawn it-3 persuni li ġew imwaqqfa kienu ċertu Alhasan Taha, detentur tan-numru tar-RefCom 28455, Mahmoud Alaiwi detentur tan-numru tar-Refcom 27114 u Alali Adai detentur tal-permess tar-residenza Taljana 40135259006. Minn stħarriġ preliminari illi sar fuq il-post irriżulta illi wieħed minn dawn il-persuni, Mahmoud Alaiwi u Alali Adai kienu jinsabu flimkien u li kellhom argument mat-tielet persuna Alhasan Taha, it-tielet persuna illi nstab magħhom fuq il-post. Fuq il-post ġie nnutat ukoll illi Mahmoud Alaiwi kellu xi demm f idejh u għaldaqstant ġiet mitluba l-assistenza tal-ambulanza. Fuq il-post irrikorriet in-nurse bl-isem ta Kim Casha, detentriċi tan-numru mediku 4857 fejn min-naħa tagħha tat l-ewwel*

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021, fol. 27 sa' 36 tal-proċess.

*għajnuna lil Mahmoud Alaiwi fuq il-post iżda meta qaltlu biex jirrikorri ġewwa l-isptar Mater Dei, huwa min-naħa tiegħu rrifjuta u ma riedx illi jitla u ffirma dikjarazzjoni tal-ambulanza illi turi dan. Mahmoud Alaiwi, meta mistoqsi fejn kien ġarrab dawk l-injuries illi kellu, stqarr illi hu kellu argument u l-ħabib tiegħu ċertu Mohamad Saalim, detentur tar-RefCom numru 20032, kellhom argument ma Alhasan Taha u ċertu Marwan Alshamari, detentur tar-RefCom numru 24520. Ta min jinnota illi kemm Mohamad Saalim u kemm Marwan Alshamari ma kienux fuq il-post u ma kienux fost dawk it-tlieta li kienu ġew arrestati iżda konna għadna qed naraw fejn jinsabu. Min-naħa l-oħra, Alali Adai li kien fuq il-post beda jistqarr illi hu beda jipprova jżomm il-paċi waqt l-argument illi ġara. Fuq il-post, meta konna fejn dawk it-tliet persuni arrestati, Mahmoud Alaiwi indika lill-pulizija li Alhasan Taha li qed nagħraf hawn hekk preżenti fl-awla bħala l-persuna ta xagħru twila, kellu fuqu żewġ mobile phones li ma kienux tiegħu iżda li kienu tal-ħabib ta Mahmoud, l-istess li semmejt qabel Mohmmad Saalim u li dan l-istess Mohamad Saalim kien sofra ġrieħi ta natura gravi f wiċċu li x aktarx id-demm li nstab fl-ewwel xena kien x aktarx tiegħu iżda li sa' dak il-ħin Mohamad Saalim konna għadna ma nafux fejn qiegħed. Għaldaqstant, saret tfittxija fuq il-persuna ta Alhasan Taha fejn instabu tliet mobile phones. Instab Samsung ta lewn blu skur, instab ukoll Samsung tal-għamla J5 ta lewn rose gold u nstab ukoll Samsung ta kulur abjad. Mill-istħarriġ li sar irriżulta illi l-mobiles li kienu ta Mohamad Saalim kienu fil-fatt is-Samsung J5 ta rose gold u s-Samsung ta kulur abjad. Meta Alhasan kien ġie mitkellem fuq il-post, huwa stqarr u kkonferma illi vera kien hemm argument bejnu, il-ħabib tiegħu Marwan Alshamari u ż-żewġ persuni l-ohra cioè Mahmoud u Mohamad. Stqarr ukoll li Marwan, il-ħabib tiegħu, li qiegħed nagħraf preżenti fl-awla bħala l-imputat ta xagħru qasira, kien sofra daqqa ta sikkina fuq dahru waqt l-argument. Għall-ħabta ta 23:45hrs, waqt li konna għadna fuq il-post, ġejt infurmat illi Marwan Alshamari kien irrikorra ġewwa il-berġa tas-saħħa tal-Furjana b daqqa ta sikkina ġo dahru sabiex idewwi id-daqqa ta sikkina li kellu f dahru. Għaldaqstant, struzzjonajt lil PC 681 u lil PC 107 sabiex jirrikorru ġewwa l-berġa tas-saħħa tal-Furjana u wara li Marwan Alshamari jingħata l-kura medika neċessarja, huwa jiġi arrestat u mogħti d-drittijiet legali tiegħu. Ta min jinnota illi Marwan Alshamari kien ġie ċċertifikat illi sofra ġrieħi ta natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ryan Falzon, detentur tan-numru mediku 4320. Wara dan, Marwan Alshamari Foġie nfurmat bl-arrest tiegħu, ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu u ġie eskortat ġewwa l-lockup tal-pulizija tal-Furjana. Għall-habta tan-00:30am tat-28 t April, matul dak il-lejl stess, waqt li konna fuq il-post ġewwa l-Hamrun, ġie l-istess Mohamad Saalim illi sa qabel dan ma konniex nafu fejnu, irrikorra fuq il-post. Ma l-ewwel daqqa t għajn, kif rajt lil Mohamad Saalim, innutajtlu ġrieħi gravi fuq wiċċu fuq in-naħa t għajnejh il-leminija. Għaldaqstant, apparti illi ġiet mitluba ambulanza sabiex tirrikorri fuq il-post, Mohamad Saalim ġie nfurmat bl-arrest tiegħu rigward l-argument illi kien fih. Wara dan ġie eskortat ġewwa l-isptar Mater Dei sabiex jingħata l-għajnuna medika neċessarja. B dan l-aġġornament infurmajt lill-Ispettur Lydon Zammit kif ukoll lill-Ispettur Stacy Attard illi kienet tal-għassa tad-distrett tal-Ħamrun fejn min-naħa tagħha sussegwentement infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Nadine Lia fejn min-naħa tagħha fetħet inkjesta maġisterjali u ħatret diversi esperti sabiex jassistu f din l-investigazzjoni fosthom lil Dr. Mario Scerri, lil Dr. Martin Bajada, lil Dr. Marisa Cassar, lill-Perit Valerio Schembri, Dr. Alexander Scerri Herrera u PS 2293 tas-*

*SOCO u PS 586 tas-SOCO ukoll. Wara dan, Mahmoud Alaiwi, Alali Adai u Alhasan Taha ġew eskortati ġewwa l-kwartieri ġenerali tal-pulizija ġewwa l-lockup sakemm isir aktar stħarriġ. Wara dan, Awad Wadah li huwa dak il-persuna li kien fejn il-karozza, li instab mal-karozza, marru l-pulizija tas-SOCO fuq il-post u fil-preżenza tiegħu, wara illi lestew l-eżamijiet forensiċi min-naħa tagħhom, huwa ttieħed ġewwa l-lock up tal-pulizija tal-Furjana. Aktar minn hekk, il-vettura KBT-761 ittieħdet ġewwa d-depot tal-pulizija. Nhar it-28 t April jiġifieri filgħodu, komplejna l-istħarriġ tagħna mas-sitt persuni illi kienu ġew arrestati matul dak il-lejl. Qabel ma ttieħdet kwalunkwe forma ta interrogazzjoni u fil-preżenza tal-interpretu Bader Zina, Mohamad Saalim iddeċieda illi jikkonsulta mal-avukat Dr. Noel Bianco u wara dan irrilaxxa audiovisual statement fejn min-naħa tiegħu stqarr illi dak il-lejl, Marwan Alshamari kien irrikorra ġewwa r-residenza tiegħu fil-Ħamrun cioè 7, Triq il-Lunzjata, il-Ħamrun, u wara ftit kien irrikorra fl-istess residenza Alhasan Taha, li Marwan Alshamari u Alhasan Taha qed nagħraf bħala l-imputati hawnhekk fl-awla, kienu marru fir-residenza tiegħu. Ta min jinnota ukoll illi ġewwa r-residenza kien hemm ukoll Mahmoud Alaiwi u Alali Adai.*

L-Ispettur Gulia xehed ulterjorment illi Mohamad Saalim stqarr illi *wara ftit, Marwan u Taha talbu lil Mohamad Saalim sabiex għandhom bżonn ikellmuh u li riedu joħorġu barra r-residenza sabiex ikellmuh. Barra minn hekk, għamlulu enfasi illi kellu jġib dawn iż-żewġ mobile phones miegħu sabiex ikellmuh. Min-naħa tiegħu, Mohamad Saalim ikkonferma illi waqt li kienu mexjin ġewwa Triq il-Lunzjata mbagħad daru għal Triq Guzè Pace, bdew ikellmuh rigward xi ritratti illi huwa allegatament kellu fil-mobile phones tiegħu. Huma bdew jgħidulu sabiex iħassar dawn ir-ritratti. Dawn ir-ritratti allegatament kienu rigward xi mara. Barra minn hekk, hu beda jirrifjuta sabiex iħassar dawn ir-ritratti u hemmhekk skatta l-argument. Mohamad Saalim stqarr illi hu ġie attakkat minn Marwan kif ukoll minn Taha, cioè miż-żewġ imputati. Dawn attakkawh u Mohamad Saalim kulma jiftakar illi hu kien sofra ġriehi sew f wiċċu u li wara dak ma jiftakar xejn. Jaf li mbagħad qam id-dar u li wara ftit irrikorra fuq il-post fejn ġie arrestat mill-pulizija. S hemmhekk biss jiftakar minħabba l-ġriehi li kien sofra. Ikkonferma ukoll illi waqt l-argument dawk iż-żewġ mobile phones ġew misruqa minn fuq il-persuna tiegħu. Aktar minn hekk, l-istess, qabel ma ttieħdet kwalunkwe forma ta interrogazzjoni u fil-preżenza tal-interpretu Bader Zina, ġie mitkellem Mahmoud Alaiwi fejn min-naħa tiegħu rrinunzja d-dritt għall-għajnuna legali u ffirma dikjarazzjoni li juri dan. Wara dan, Mahmoud irrilaxxa audiovisual statement fejn min-naħa tiegħu kkonferma illi Marwan u Taha kienu rrikorrew ġewwa r-residenza tagħhom, ikkonferma wkoll illi talbu lil Mohamad Saalim sabiex ikellmuh barra r-residenza u li huwa kif ra hekk beda jibża għall-ħabib tiegħu jigifieri ghal Mohamad Saalim u allura ddeċieda illi jsegwihom. Huwa stqarr illi f daqqa waħda, il-ħabib tiegħu Mohamad Saalim ġie attakkat minn Marwan u minn Taha u li huwa ddeċieda illi jintervjeni sabiex jgħin lill-ħabib tiegħu. Mahmoud Alaiwi stqarr illi waqt l-argument, Marwan ħareġ sikkina, hu irnexxielu jneħħilu din is-sikkina minn idejh, qabad is-sikkina hu, dar dawra ma karozza u kif ra lil Marwan fuq il-ħabib tiegħu Mohamad Saalim, hu mar minn wara u taħ daqqa ta sikkina fin-nofs ta dahru. Wara dan, Marwan u Taha, hadu il-mobiles minn fuq il-persuna ta Mohamad Saalim u ħarbu minn fuq il-post. Min-naħa tiegħu, Mahmoud Alaiwi kkonferma illi wara dan, huwa mar jitlob l-assistenza tal-ħabib tagħhom illi kien għadu d-dar, cioè Adai Alali, ġew reġgħu fuq il-post fejn il-ħabib tagħhom*

*Mohamad Saalim li kien sofra ġrieħi serji fuq wiċċu u kif ukoll kienu qegħdin jaraw x'għandu fuq il-post. Wara ftit għaddiet karozza BMW li kien qed isuqha Wadah Awad, l-imsemmi li kien ġie arrestat ukoll, fejn min-naħa tiegħu staqsihom x'ġaralhom. Mahmoud ikkonferma illi huma t-tlieta rikbu fl-istess karozza ta' Wadah u bdew iduru biex ifittxu liż-żewġ persuni l-oħra cioè Marwan u Taha. Wara dan, irnexxielhom isibuhom ftit minuti il-bogħod għaliex kienu għadhom fil-kantuniera, sabuhom, niżlu minn ġol-vettura u Mahmoud min-naħa tiegħu stqarr illi Mohamad, il-ħabib tiegħu, ħadlu s-sikkina minn idejh li kien ta' d-daqqa tas-sikkina filwaqt illi hu ġabar oġġett tal-plastic li jagħmel parti minn vacuum cleaner minn ġewwa l-bagoll tal-karozza u ikkonfrontaw lill-istess Marwan u lil Taha. Waqt it-tieni konfrontazzjoni, Marwan kellu f'idejh briksa li sab mal-art filwaqt illi Taha kellu njama bl-imsiemer li instabu fuq il-post mill-pulizija wara dan. L-argument ma rnexxilux iseħħ it-tieni darba minħabba l-azzjoni tal-pulizija għaliex kif laħqu waslu l-pulizija, kif semgħu s-sireni u kif raw id-dawl tal-pulizija, il-partijiet kollha sparpaljaw jigifieri kulħadd ħarab għal riħu. Min-naħa tiegħu, Mahmoud ukoll ikkonferma illi waqt it-tieni konfrontazzjoni, kemm Alali Adai u kif ukoll Wadah Awad, ma kienux involuti imma just kemm bdew iżommu l-paċi bejniethom u bdew jaraw kif jistgħu jirranġaw s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Min-naħa tagħna l-pulizija, l-istess, kellimna lil Awad Wadah fil-preżenza ta' Bader Zina fejn l-istess, qabel ma ittieħdet kwalunkwe forma ta' interrogazzjoni, huwa rrinunzja d-dritt illi jkellem avukat għall-għajnuna legali u ffirma dikjarazzjoni illi turi dan. Wara dan, Awad Wadah illi huwa l-persuna li kien qed juża l-karozza kkonferma illi huwa kien għaddej mit-triq, ra lill-ħbieb tiegħu fosthom lil Mohamad Saalim illi kellu l-ġrieħi f'wiċċu u li qallu jekk għandux bzonn xi ħaġa u li rikbu fil-karozza tiegħu sabiex isibu lil dawn il-persuni iżda ma kienx involut fl-ebda argument, ikkonferma dan. Aktar minn hekk, l-istess, ġie mitkellem Marwan Alshamari li huwa wieħed mill-imputati li l-istess, qabel ma ttieħdet kwalunkwe forma ta' interrogazzjoni, ġie mogħti għal darba ohra d-drittijiet legali tiegħu u rrinunzja d-dritt li jikkonsulta għall-parir legali u ffirma dikjarazzjoni li turi dan[35]. Marwan, min-naħa tiegħu, ikkonferma illi huwa vera mar fir-residenza ta' Mohamad Saalim sabiex ikellmu rigward dawn ir-ritratti kif ukoll biex jiċċekkja, għaliex huwa kien joqgħod f'dak l-indirizz, sabiex jiċċekkja jekk irċeviex xi ittri li huma għalih f'dak l-indirizz. Min-naħa tiegħu, huwa kkonferma wkoll illi ftit wara ġie l-ħabib tiegħu Taha Alhasan illi huwa l-imputat l-ieħor u li riedu jkellmu lil Mohamad Saalim. Wara ftit, waqt li kienu fit-triq, huma bdew jgħidulu biex iħassar dawk ir-ritratti iżda Mohamad Saalim ma ħassarhomx dawn ir-ritratti u għalhekk ġew f'argument. Wara ftit, huwa jaf u kkonfermalna anke fl-audiovisual statement[36] illi kien hu li kkawża l-ġrieħi f'wiċċ Mohamad Saalim u li kkawżahom b'idejh fejn beda jagħtih bil-ponn f'wiċċu. Iżda kkonferma wkoll illi Alhasan Taha ma messux lil Mohamad Saalim iżda li beda jargumenta ma' Mahmoud jiġifieri mal-ħabib tiegħu l-ieħor. Ikkonfermalna wkoll illi waqt l-argument huwa qala' daqqa ta' sikkina ġo dahru u ma kienx jaf mingħand min iżda li kellu ċ-ċertezza li kien il-ħabib ta' Mohamad Saalim, cioè Mahmoud Alaiwi minħabba l-fatt illi kienu huma biss dak il-ħin fuq il-post. Wara dan, huwa kkonfermalna wkoll lill-pulizija illi veru ħa l-mobile phones minn fuq il-persuna ta' Mohamad Saalim u li ħarbu minn fuq il-post hu flimkien mal-ħabib tiegħu Alhasan Taha. Wara li ħarbu minn*

[35] Dok. "SG8" a fol. 45 tal-proċess.
[36] Dok. "SG3" a fol. 38 tal-proċess.

*fuq il-post, huwa ikkonferma mal-pulizija illi dawn il-mobile phones tahom lill-ħabib tiegħu Alhasan Taha sabiex iżommhomlu. Ġie mitkellem ukoll, fil-preżenza tal-interpretu Bader Zina, Alhasan Taha li huwa l-imputat l-ieħor fejn l-istess, irrinunzja d-dritt għall-għajnuna legali u ffirma dikjarazzjoni illi turi dan*[37]*. Huwa kkonferma l-verżjoni ta  Marwan kif ukoll b ċertezza beda jindikalna illi l-persuna illi kien ta d-daqqa ta  sikkina f dahar il-ħabib tiegħu Marwan kien Mahmoud Alaiwi. Ikkonfermalna wkoll illi l-mobiles li ġew allegatament misruqa minn fuq il-persuna ta  Mohamad Saalim kien tahomlu fil-fatt il-ħabib tiegħu Marwan Alshamari*[38]*. Finalment ġie mitkellem ukoll Adai Alali fejn irrinunzja għad-dritt tal-għajnuna legali fil-preżenza tal-interpretu Bader Zina fejn min-naħa tiegħu huwa stqarr illi hu biss kien hemmhekk sabiex iżomm il-paċi u li ma kien involut fl-ebda argument.*

L-Ispettur ikkonferma l-mobile phones ta' Mohamad Saalim, esebiti bħala Dok. "SG1" u Dok. "SG2", rispettivament mobile ta' lewn abjad u ieħor ta' lewn rose gold, illi ġie kkonfermat li huma tiegħu mill-IMEI numbers tagħhom, instabu fil-pussess u fuq il-persuna ta' l-imputat Taha Alhasan.

Dak affermat mill-Ispettur Stephe Gulia ġie kkonfermat minn **PS965 Maverick Camilleri**[39].

L-**Ispettur Lydon Zammit**[40] iċċara li dakinhar li Mohamad Saalim irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa kien ikkonsulta ma' l-Avukat Dr. Jason Grima u mhux ma' l-Avukat Dr. Noel Bianco kif indikat mill-Ispettur Stephen Gulia. **Bader Zina**[41] da parte tiegħu ikkonferma li huwa kien inkarigat interpretu fil-kors ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija in konnessjoni ma' dan il-każ u li ma kienx hemm diffikultajiet fit-traduzzjonijiet li kien qed jagħmel u kull ma qalu l-Ispetturi waqt l-interrogazzjonijiet huwa kien debitament qed jittraduċieh lill-persuni involuti u arrestati.

**PS991 Alexander Gauci**[42] xehed illi *nhar is-27 t April tas-sena 2021 għall-ħabta tal-23:15hrs, konna duty night watch u daħlitilna telefonata illi fi Triq Guzè Pace, kantuniera ma  Triq Abela, ġewwa l-Ħamrun kien hemm argument għaddej bejn diversi persuni li x aktarx kienu ta  nazzjonalità barranija. Min-naħa tagħna, ipproċedejna biex immorru fuq il-post, morna jiena PS 991, PS 331, PC 437 u PC 693 u mill-ewwel indikazzjoni illi kellna ma sibna lil ħadd fuq il-post. Bdejna induru fl-akkwati u erġajna morna fuq il-post u sibna bniedem, fejn dak il-ħin ukoll ġew jassistuna mis-section tal-RIU u mill-Major Crimes Unit fejn ġie l-Ispettur Stephen Gulia u s-surġent tiegħu PS 965 u fuq il-post kellimna persuna fejn dan ried jibqa anonimu u dan stqarr din il-verżjoni:  Jien rajt ħames persuni maskili, wieħed minnhom beda jagħti bil-ponn lill-ieħor fejn dan tefgħu mal-art imbagħad ġiet persuna oħra u dan beda jagħtih ix-xuttijiet. Wara ġiet vettura fejn ħarġet persuna u għabbiet din il-persuna ġol-vettura u dan telaq minn fuq il-post". Mill-indikazzjoni illi ħadna fejn seħħ l-inċident rajt li kien hemm traċċi ta  qtar tad-demm li kienu jidhru friski għalhekk ħallejt fixed point lil PC 693 sabiex*

[37] Dok. "SG9" a fol. 46 tal-proċess.
[38] Dok. "SG4" a fol. 39 tal-proċess.
[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2021, fol. 175 sa' 177 tal-proċess.
[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021, fol. 51 tal-proċess.
[41] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2022, fol. 381 u 382 tal-proċess.
[42] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2021, fol. 82 sa' 86 tal-proċess.

*nistabbilixxu x kien seħħ eżattament. Irċevejna informazzjoni li l-vettura kienet tat-tip BMW bin-numru ta reġistrazzjoni KBT-761 u ftit tal-minuti wara ġejna infurmati illi twaqqfet vettura fi Triq San Ġorġ ġewwa Santa Venera minn PS 601 u PC 1352. Din bażikament Sinjura Maġistrat, ma kinitx il-bogħod ħafna din it-triq, fl-istess akkwati. Ix-xufier ġie mwaqqaf, ingħata d-drittijiet tiegħu mill-pulizija tal-RIU u ngħata l-caution. Fuqu nstab passaport Ġermaniż u rriżulta illi kien jismu Awad Wadah bin-numru tal-passaport Z00H1F5W4. Aħna ipproċedejna u morna fi Triq San Ġorġ, rajt din il-vettura u din il-persuna u innutajt illi fuq wara tal-vettura kien hemm traċċi tad-demm. Għamilna tfittxija fl-istess triq u sibna parti minn briksa li kellha traċċi tad-demm, sikkina b manku iswed u njama li kienet fejn din is-sikkina li kellha l-imsiemer magħha. Kif kont qiegħed fuq dak il-post, ġejna nfurmati illi fi Triq Brighella ġewwa Santa Venera kienu twaqqfu 3 persuni oħra minn vettura tal-RIU, dawn kienu twaqqfu minn PC 1025 u PC 1527, u wieħed minn dawn il-persuni kellu l-ġrieħi f idu.* Is-Surget 991 iddikjara li Triq Brighella, fejn twaqqfet il-vettura, u Triq Guzè Pace, fejn kienu infurmati li seħħ l-inċident, ma kienux distanti minn xulxin u kienu fl-istess akkwati.

PS991 Alexander Gauci xehed ulterjorment illi *dawn il-persuni rriżulta illi kienu Alaiwi Mahmoud bir-Refcom 27114, Alali Adai bil-permesso di soggiorno Taljan bin-numru 40135259006 u l-persuna l-oħra Alhasan Taha bir-Refcom 28455. Dawn ingħataw is-soltu drittijiet u kienu ġew infurmati illi jinsabu taħt arrest. X'ħin konna qegħdin hemmhekk, ġejna nfurmati li ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana ddaħħlet persuna fejn din kienet ġiet aggredita bi strument bil-ponta u fuq il-post, jiġifieri fil-health centre, marru PC 681 u PC 107 mis-section tal-RIU. Din il-persuna rriżulta li kien jisimha Marwan Alshamari bir-Refcom 24520. Għall-ħabta tan-nofsiegħa, fi Triq Brighella, mar ċertu Saalim Mohamad bir-Refcom 20032 u dan kellu ġrieħi f wiċċu. Minn hemm intalbet għall-assistenza tal-ambulanza mbagħad irrapportat ambulanza fuq il-post. Min-naħa tiegħi imbagħad infurmajt lill-ispettur tal-għassa Stacy Attard fejn imbagħad infurmat lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Nadine Lia. Imbagħad jiena min-naħa tiegħi ħejjejt dan ir-rapport bin-numru 7/P/1828/2021* - Dok. "SG10" a fol. 47 sa' 50 tal-proċess.

Dak kollu affermat mill-Ispettur Stephen Gulia u minn PS991 Alexander Gauci ġie ikkonfermat mill-**Ispettur Stacy Gatt**[43], **PC107 Nicolai Maria Dalli Avallone**[44], **PC681 Noel Muscat**[45], **PC1025 Waylon Cassar**[46], **PC1527 Greg Marney**[47], **PS331 Dien Camilleri**[48], **PC321 Joseph Casha**[49] u **PC437 Jurgen Falzon**[50].

**PC601 Justin Spiteri**[51] xehed illi *fis-27 t April ta din is-sena għall-ħabta tal-23:15pm, il-control room tal-pulizija nfurmatna li kien daħal rapport fejn fi Triq Guzè Pace, il-Ħamrun, kien hemm grupp ta ġuvintur li kienu qegħdin isawtu ġuvni ieħor. Dak il-ħin, jiena flimkien ma PC 1352, konna ġo Triq il-Marsa ġol-Marsa u*

[43] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Settembru 2021, a fol. 215 sa' 217 tal-proċess.
[44] Xhieda mogħtija fl-20 ta' Lulju 2021, fol. 181 u 182 tal-proċess.
[45] Xhieda mogħtija fl-20 ta' Lulju 2021, fol. 183 u 184 tal-proċess.
[46] Xhieda mogħtija fl-20 ta' Lulju 2021, fol. 185 u 185 tal-proċess.
[47] Xhieda mogħtija fl-20 ta' Lulju 2021, fol. 187 u 189 tal-proċess.
[48] Xhieda mogħtija fis-26 ta' Awwissu 2021, fol. 203 u 204 tal-proċess.
[49] Xhieda mogħtija fis-26 ta' Awwissu 2021, fol. 205 u 206 tal-proċess.
[50] Xhieda mogħtija fis-26 ta' Awwissu 2021, fol. 207 u 208 tal-proċess.
[51] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2021, fol. 114 sa' 117 tal-proċess.

*malli smajna l-call konna qrib ħafna aħna u nfurmajt lill-control room li kont se mmur fuq il-post. Soqna hemmhekk fejn fi ftit minuti wasalna fuq il-post u sibna ġuvni, il-complainant, li kien għamel ir-rapport, kien aġitat ħafna u qalilna  Issa għadhom kemm telqu". Kienu b karozza tal-għamla BMW bin-numru ta reġistrazzjoni KBT-761 u l-complainant qalilna wkoll illi l-vittma ġie mgħobbi f din il-karozza. Il-kliem ukoll li qalilna huwa  Għandi dubju jekk għadux ħaj". Staqsejt lill-complainant lejn liema direzzjoni saqu u indikali n-naħa ta  fuq lejn Santa Venera. Għaddejt il-messaġġ ta  dan kollu bir-radio tas-servizz lill-units l-oħra tagħna tal-RIU u soqna aħna fid-direzzjoni indikata lilna ta  Santa Venera. Meta dħalna fi Triq San Ġorġ, Santa Venera, jiena u l-kollega tiegħi nnutajna l-karozza indikata lilna pparkjata mal-ġenb fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Imblukkajna l-karozza, inżilna mill-karozza tagħna tas-servizz u stajna ninnutaw illi kien hemm persuna waħda fiha li kien fuq is-seat tax-xufier. Il-persuna li kien hemm fiha ġie mogħti struzzjonijiet biex joħroġ mill-karozza u dan ħareġ mill-karozza. Dak il-ħin, l-ewwel kelma li għidtlu kienet  Fejn hu, fejn hu?" u hu qalli  M għandix x naqsam". Identifikajna min hu l-persuna li kien fil-karozza li kien ċertu Awad Wahad. Skużani ghax irrid ngħid xi ħaġa importanti; sakemm qed isir dan kollu, kien hemm jew 3 jew 4 ġuvintur oħrajn għax bl-amment eżatt ma niftakarx, għax wara identifikajt min kien l-ieħor, kienu ftit l-isfel iktar minna madwar 30 jew 40 metru fit-triq li malli rawna lilna nieqfu ma  din il-karozza, dawn ħarbu jiġru u kisru għal ġewwa Triq Brighella. Jiena għaddejt il-messaġġ bir-radio lill-karozzi l-oħrajn tagħna tal-RIU, li kellna l-karozza mwaqqfa iżda li fl-istess ħin kien hemm 3 jew 4 units oħra li kienu ħarbu jiġru u daħlu fi Triq Brighella fejn hemmhekk ġejt infurmat li l-units tagħna kienu qrib ħafna wkoll. Nerġa  ngħid li mela hemmhekk imbagħad identifikajt lix-xufier tal-karozza li kien Awad Wahad u stajt ninnota wkoll, meta dorna mal-karozza, iċċekkjajna li ma kien hemm ħadd fiha fuq wara tal-karozza u hekk, li man-naħa tal-bagoll jiġifieri mal-bumper ta  taħt il-bagoll ta  wara kien hemm qtar ta  demm. Għidna lil Awad biex jiftaħ il-bagoll fejn irriżulta li fil-bagoll ma kien hemm ħadd imma stajt nara li kien hemm qtar ta  demm ukoll ġo fih. F dan il-mument, bejn wieħed u ieħor, ġejt infurmat minn units oħra tal-RIU li dawk il-persuni li kienu ħarbu jiġru lejn Triq Brighella, kienu ġew imwaqqfa iktar l-isfel fl-istess triq. Awad Wahad ġie immanettjat u ġie mogħti wkoll id-drittijiet tiegħu. Ħallejt lil PC 1352 li kien miegħi ħdejn Awad fejn il-karozza u mxejt lejn bejn wieħed u ieħor fejn l-aħħar li rajt lill-ġuvintur l-oħra li kienu telqu minn fuq il-post u hemmhekk, bejn il-karozzi ipparkjati, mal-art stajt ninnota illi kien hemm biċċa briksa li kellha xi demm magħha, kien hemm xi njama b xi viti jew imsiemer magħha u anke kien hemm mus mal-art. Sadanittant, imbagħad laħqu waslu l-pulizija tad-distrett tal-Ħamrun u ġejt infurmat ukoll li n-naħa l-oħra ta  Triq Brighella, imma ma kienx il-bogħod ħafna minn fejn kont jien, kienu waslu wkoll il-pulizija tal-Major Crimes Unit immexxija mill-Ispettur Gulia u prattikament imbagħad jiena kemm tajna hand over ta  li ġara, indikajna x kien hemm u aħna komplejna fuq xogħlna.*

Dak affermat minn PS601 Justin Spiteri ġie kkonfermat minn **PC1352 Ishmael Buhagiar**[52].

[52] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2021, fol. 118 sa' 121 tal-proċess.

L-allegat vittma **Mohamad Saalim**[53] xehed illi dakinhar ta' l-inċident l-imputat Marwan Alshamari kien mar id-dar tiegħu Nru.7, Triq il-Lunzjata, Ħamrun. Dakinhar fir-residenza miegħu kien hemm ċerti Fawwas, Adai u Gasem. Xehed illi l-imputat Marwan Alshamari kien mar biex jiġbor xi ċitazzjonijiet tal-karozza tiegħu u għamel xi ħin hemmhekk magħhom. Waqt li kien qiegħed hemm dan Marwan Alshamari ċempel lill-imputat l-ieħor Taha Alhasan u qallu biex jiġi jiltaqa' miegħu hemm. Saalim kompla jixhed illi *hu ġie d-dar u Marwan qalli ejja għax irrid inkellmek ftit. Hawnhekk inżilt isfel magħhom u mxejna daqxejn fit-tul barra. L-ieħor, ta xagħru twila,* (ossia l-imputat Taha Alhasan) *qabadli idejja minn wara u żammni hekk u dan kellu xi ġebla f idu. ... Ma nafx min minnhom. Kellu ġebla f idu u tah daqqa b dik il-ġebla fuq wiċċu.* Saalim afferma li għalkemm ma kienx jaf eżatt min tah id-daqqa, dak il-ħin quddiemu kien hemm l-imputat Marwan Alshamari, iżda mid-daqqa 'l hemm huwa ma jiftakar xejn dwar dak li ġara dakinhar. Muri d-dokumenti Dok. "SG1" u Dok. "SG2" l-imputat iddikjara li dawk huma l-mobile phones tiegħu li kellu fuqu, senjatament fil-bwiet tal-qalziet, dakinhar ta' l-inċident. Stqarr ukoll li l-mobile phones ittieħdulu wara li qala d-daqqa u li l-kwistjoni kollha kienet tirrigwarda xi ritratti li kellu fuq dawn il-mobiles. Dawn ir-ritratti kienu ta' tfajla u l-imputati riedu l-mobiles minħabba fihom u hekk kif hu rrifjuta li jagħtihom il-mobiles, qala' d-daqqa. Dwar il-valur tal-mobile phones Saalim iddikjara li wieħed minnhom kien jiswa madwar €160 iżda kien ilu żmien għandu u l-ieħor kien jiswa madwar €150. Dwar il-ġrieħi sofra, stqarr li huwa kellu ġrieħi f'għanju tal-lemin.

Dak affermat minn Mohamad Saalim in eżami waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021, jinsab rifless ukoll fix-xhieda li kien ta fil-kors ta' l-Inkjesta fis-seduta miżmuma fid-29 ta' April 2021[54] mill-Espert Tekniku Dr. Alexander Scerri Herrera.

In kontro-eżami waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021, Mohamad Saalim xehed illi huwa kien mar biex jeżaminah Tabib minħabba l-ġrieħi li kellu u għalkemm dak iż-żmien, ossia dakinhar li ta x-xhieda tiegħu, kien għadu qed jieħu xi mediċini u kellu ukoll cream biex japplikah, kien qed iħossu aħjar minn dakinhar ta' l-inċident. Saalim stqarr ukoll li ma għadx għandu interess f'dawn il-proċeduri għaliex ma jridx ikollu problemi ma' l-imputati u jixtieq jwaqqaf kollox u anke jaħrilhom talli ġara.

Dwar il-ġrieħi li kellu Mohamad Saalim xehdet **Dr. Rowena Marie Zrinzo**[55] illi murija d-dokument Dok. "SG7" a fol. 43 tal-proċess, ikkonfermat li dak kien iċ-ċertifikat li hija ħarġet fir-rigward ta' Mohamad Saalim, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 112312(F), fit-28 ta' April 2021. Mistoqsija dwar x'iddeterminat mill-eżami li għamlet ta' Saalim, Dr. Zrinzo wieġbet *ibbażat fuq l-eżaminazzjoni illi għamilt dakinhar kien gravi minħabba l-fatt li kellu grif ma' wiċċu li kellu bżonn il-punti.* In kontro-eżami stqarret illi Saalim ma riedx jibqa' għall-medikazzjoni u fil-fatt il-punti hi ma għamlithomlux.

Mohamad Saalim ġie eżaminat ukoll mill-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri** illi fir-Relazzjoni tiegħu, Dok. "MS" a fol. 321 sa' 351 tal-proċess, ikkonstata u ikkonkluda s-segwenti fir-rigward ta' Saalim: *illi l-periorbital haematoma madwar l-għajn il-leminija, deskritta fuq Salim Mohamad, kienet riżultat ta' blunt trauma u din kienet*

[53] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021, fol. 52 sa' 64 tal-proċess.
[54] Fol. 373 sa' 376 tal-proċess.
[55] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Awwissu 2021, fol. 209 u 210 tal-proċess.

*akkumpanjata minn laċerazzjoni żgħira li kellha ragged margins fuq it-tarf laterali tal-kappell ta' l-għajn il-leminija. Din il-haematoma kienet ukoll akkompanjata min nefħa fil-wiċċ. Illi din il-leżjoni tista' tiġi klassifikata bħala leżjoni ta' natura ħafifa salv xi komplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fl-għajn. Ukoll din il-laċerazzjoni fuq il-kappell ta' l-għajn tista' tħalli marka rqiqa permanenti fuq il-kappell ta' l-għajn li però ma tantx tkun konspikwa għar-raġuni li qegħda fil-livell tal-crease ta' l-għajn. Illi l-periorbital haematoma madwar l-għajn ix-xellugija ta' Mohamad kienet ukoll kompatibbli ma' blunt trauma. Illi t-tbenġila deskritta fuq in-naħa tax-xellug tad-dahar, akkompanjata minn brush abrasions, kienet kompatibbli ma' blunt trauma.*

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-22 ta' Diċembru 2021[56], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri stqarr illi Mohamad Saalim kellu *bilateral periorbital hematomae riżultat ta blunt trauma, dawk as such huma of a slight nature però kellu laċerazzjoni fuq il-kappell ta fuq tal-għajn il-leminija, dik tiġi healed by formation scar tissue, tista tibqa bħala marka permanenti però fejn hi qiegħda tista ma tantx tkun konspikwa jiġifieri dik aħjar narawha iktar il-quddiem però m għandux ikollu problemi.*

Mohamad Saalim ma reġax ġie eżaminat u għaldaqstant il-klassifikazzjoni tal-ġrieħi li tirriżulta mir-Relazzjoni u konsegwenti xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri hija dik ta' ġrieħi ta' natura ħafifa.

**L-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar** ippreżentat ir-Relazzjoni tagħha fl-14 ta' Ottubru 2021, Dok. "MC" a fol. 228 sa' 242 tal-proċess. Wara li eżaminat diversi kampjuni provduti lilha u għamlet komparazzjoni bejn id-DNA li rriżulta minn dawn il-kampjuni u d-DNA *inter alia* ta' Mohamad Saalim, Dr. Marisa Cassar ikkonkludiet illi mill-kampjuni 21 AUD 201 u 202, ossia kampjun ta' tiċpis ta' lewn ħamrani meħud permezz ta' swab minn fuq il-bankina ġewwa Triq Guzè Pace, kantuniera ma' Triq Abela, Santa Venera u kampjun ta' tiċpis ta' lewn ħamrani meħud permezz ta' swab minn fuq il-bankina ġewwa Triq Guzè Pace, kantuniera ma' Triq Abela, Santa Venera, ħareġ profil ġenetiku ta' raġel u li *meta wieħed jikkonsidra l-ipoteżi (H1 u H2), il-likelihood ratio (LR) ta' $4.03x10^{27}$ jikkorrobora l-ipoteżi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kamjun, seta' ħareġ jekk Mohammed Salem* (ossia Mohamad Saalim) *huwa kontributur.* Mill-kampjun 21 AUD 207-S1, ossia mus ta' lewn iswed b'xi tiċpis ta' lewn ħamrani max-xafra li kien taħt il-bankina ġewwa Triq il-Kardinal Sciberras ma' Triq San Ġorġ, Santa Venera - senjatament il-parti tax-xafra - *ħareġ profil ġenetiku imħallat (x'aktarx 3 kontributuri). Meta wieħed jikkonsidra l-ipoteżi (H1 u H2), il-likelihood ratio (LR) ta' $4.70x10^{54}$ jikkorrobora l-ipoteżi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kamjun, seta' ħareġ jekk Mahmoud Alaiwi, Mohammed Salem* (ossia Mohamad Saalim) *u Marwan Alsharami huma kontributuri.* Mill-kampjun 21 AUD 207-S2, ossia mus ta' lewn iswed b'xi tiċpis ta' lewn ħamrani max-xafra li kien taħt il-bankina ġewwa Triq il-Kardinal Sciberras ma' Triq San Ġorġ, Santa Venera - senjatament il-parti tal-manku - *ħareġ profil ġenetiku imħallat (x'aktarx 2 kontributuri). Meta wieħed jikkonsidra l-ipoteżi (H1 u H2), il-likelihood ratio (LR) ta' $4.39x10^{27}$ jikkorrobora l-ipoteżi li l-profil ġenetiku li ħareġ mill-kamjun, seta' ħareġ jekk Mahmoud Alaiwi, Mohammed Salem* (ossia Mohamad Saalim) *u persuna oħra huma kontributuri.*

---

[56] Fol. 320A sa' 320C tal-proċess.

L-**Espert Tekniku Dr. Martin Bajada**, ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu fl-4 ta' Novembru 2021 - Dok. "MB" a fol. 299 sa' 316 tal-proċess u wara li eżamina diversi sistemi ta' CCTV cameras, huwa eleva l-filmati mis-sistema ta' CCTV cameras tar-residenza bin-Numru 31, Triq Guzè Pace, Ħamrun, u minnhom ħareġ stills li huma rilevanti u pertinenti għall-mertu ta' dawn il-proċeduri.

Dwar dakinhar ta' l-inċident in kwistjoni, **Adai Alali**[57] xehed illi l-imputat Marwan Alshamari kien qiegħed id-dar għandu f'Nru.7, Triq il-Lunzjata, Santa Venera. Flimkien ma' l-imputat Marwan Alshamari kien hemm ukoll l-imputat Taha Alhasan u dawn f'ħin minnhom ħarġu minn ġod-dar flimkien ma' Mohamad Saalim, illi dakinhar kien f'dik ir-residenza wkoll. Alali stqarr li wara li l-imputati u Saalim ħarġu mid-dar tiegħu huwa baqa' hemm iżda ċertu Mahmoud Alaiwi mar warajhom *biex jara x kien ġara. Hawnhekk inqalgħu l-problemi. Hawnhekk Mahmoud qal lil Alaiwi li ġie għandi fid-dar u sawwat lill-kuġin tiegħi illi hu Mohamad Saalim. … Mahmoud kien isfel nett u għajjatli u jiena nżilt ħdejh. Mahmoud kien miexi quddiemi u rajt lil Mohamad Saalim wiċċu mċappas bid-demm.* Dwar fejn kellu ġrieħi Mohamad Saalim, Alali qal *ġo wiċċu fuq għajnejh.*

Stqarr ulterjorment illi *ġie wieħed ħabib tagħna jismu Wadah. Wadah kellu vettura u daħħlu lill-vittma ġol-vettura. Fil-vettura kienu Mohamad Saalim, Mahmoud Alaiwi u Wadah.* Iddikjara li l-iskop kien biex jieħdu lil Saalim biex jarah tabib. Dak il-ħin Saalim kien midrub, mitluf minn sensieh u ma seta' jgħidilhom xejn. Huwa stqarr illi *aħna ħsibna li sejrin l-isptar imbagħad Mahmoud Alaiwi beda jispjega idħol in-naħa tax-xellug u kif dħalna n-naħa tax-xellug rajna lil dawk in-nies*, ossia lill-imputati, … *niżlu mill-karozza u l-iskop tagħhom kien biex imorru jsawtuhom. Però Marwan huwa persuna ħabib tiegħi u anke Mohamad Saalim hu ħabib tiegħi. Ma nistax niġġieled ma  dan u niġġieled mal-ieħor għaliex huma t-tnejn ħbieb tiegħi. … Hawnhekk inqalgħu l-problemi għaliex iġġieldu flimkien. … Jiena ma rajt lil ħadd isawwat lil ħaddieħor. Jiena kont żammejt lil Marwan. Mohamad Saalim ried il-mobile mingħand ċertu Marwan. Hawnhekk peress illi Marwan huwa ħabib tiegħi, bdejt nispjega lil Marwan biex inġib dak il-mobile mingħandu.* Ikkonferma li dawn il-mobiles kienu ta' Saalim iżda ma setgħax jgħid kif l-istess spiċċaw għand l-imputat Marwan Alshamari.

Adai Alali xehed illi f'ħin minnhom ġew il-Pulizija u allura hu u l-oħrajn li kienu fuq il-post telqu jiġru 'l hemm. Huwa dam mistoħbi madwar għaxar minuti iżda fl-aħħar sabuh il-Pulizija u ġie arrestat. In kontro-eżami saħaq li meta hu u l-oħrajn waqfu bil-vettura meta lemħu lill-imputati, huwa niżel biex jifred il-ġlieda u anke biex lill-imputat Marwan Alshamari jikkonvinċih jagħtih il-mobiles ta' Mohamad Saalim. Stqarr li meta lill-imputat Marwan Alshamari talbu l-mobiles, dan qallu li l-ewwel ried iħassar xi ħaġa minn fuq il-mobiles u imbagħad kien jagħtihomlu.

Dak affermat minn Adai Alali waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2021, jinsab per lo più rifless fix-xhieda li ta quddiem l-Espert Tekniku Dr. Alexander Scerri Herrera f'seduta miżmuma fit-30 ta' April 2021, fol. 376 sa' 378 tal-proċess.

---

[57] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2021, fol. 88 sa' 104 tal-proċess.

L-imputati għażlu li jixhdu f'dawn il-proċeduri u l-**imputat Marwan Alshamari**[58] ddikjara li *ċempel wieħed mill-kuġini tiegħi mis-Saudi lil wieħed mill-kuġini tiegħi hawn Malta u dan il-kuġin li joqgħod hawn Malta hu nervuż u mill-ewwel jirrabja. Kien hemm xi ħadd li qed jhedded lil dak il-kuġin tas-Saudi li għandu ritratti ta ommu u ta ħutu u jekk mhux se jħallsu xi flus, se jitfagħhom fuq il-Facebook. Jien għidt lill-kuġin li qiegħed hawn Malta Tkellmux int, se nirranġa jien u nkellmu jien personali. Tmurx tkellmu inti". … Jiena kont naf xi għaxart ijiem qabel lil dak il-persuna u dakinhar inzertajt li kont mistieden viċċin ta dik id-dar għall-ikel fir-Ramadan u kont viċin ta dik id-dar. Mhux f dik id-dar fejn dħalt imma f dar viċin tagħha, kont mistieden għall-ikel. Dħalt f dik id-dar u bdejt ngħajjat lil Odei li huwa ħabib tiegħi. Jiena kont noqgħod f dik id-dar, dik l-istess dar li kien fiha u kont nirċievi xi dokumenti u xi mails jew ittri talli kont noqgħod hemmhekk bħala indirizz. Dak il-ħin mort nilgħab il-karti magħhom jiġifieri ma min kien fid-dar u rajt lil dak il-ġuvni li bagħtuli ritratt tiegħu u dak li għandu r-ritratti li qed jhedded bihom. Wara li spiċċajna l-logħob tal-karti, ħriġt miegħu biex nitkellmu jien u hu. Dak il-ħin ċempilli wkoll Taha u qalli Isma, jiena xtrajt il-kikkri biex tagħmel il-kafè tagħna tal-Għarbi u ġej bihom". Jien għidtlu Ibqa fil-gabbana sakemm nispiċċa dak li qed nagħmel u nibqa ġej sa ħdejk". Hu staqsieni fejn kont qiegħed u jien għidtlu Qiegħed viċin tad-dar tieghek, jien ġej sa ħdejk". Bdejna nitkellmu x inhu dak l-ieħor, bdejt ngħidlu li dawk l-affarijiet li qed tagħmel mhux mit-tradizzjonijiet tagħna jew mill-kultura tagħna. … M iniex ċert jekk jismux Salin jew kunjomu Salin. Għamilt xi kwarta nkellmu u hu jgħidli "X fiha? Imbilli jkollok ritratt t ommi jew t oħti fil-mobile tiegħek, b daqshekk x fiha?" u din il-ħaġa għalina hija xi ħaġa oxxena u ta diżunur li jkollok ritratt fis-sens dawn l-affarijiet. Taha kien miexi ħdejja u beda jistaqsini x inhu għaddej, x qed jiġri u x inhi l-istorja u jiena għidtlu li ġara hekk, hekk u hekk. Dak il-ħin, Taha staqsieh Inti minn min tiġi? Min hu missierek? Min hi l-familja tiegħek?". … Staqsieh min hu missieru jew min jiġi minnu jew hekk u dak il-ħin irrabja ftit u qabad u mbotta lil Taha. … Jien dak il-ħin għidt lil Taha Int m għandekx x taqsam, ħalli din l-istorja f idi, jiena se niftiehem miegħu". Dak il-ħin qabad u ta sinjal li gidem subgħajh qisu se jagħti lil Taha bil-ponn u jiena żammejtu. Bdejna nagħtu jien u hu, ġie l-kuġin tiegħu u tani daqqa ta sikkina minn wara. Bl-idejn bdejna nagħtu. Dak il-ħin li qlajt daqqa ta sikkina bdejt nagħtih bis-salt, ma kontx qed insawtu jew ma kontx qed niġġieled bis-saħħa dak il-ħin. Dak il-ħin, kif tani daqqa ta sikkina, hu ħarab, Taha pprova jilħqu ħalli jżommu imma ma qabdux. Dak il-ħin, Taha kellu l-kikkri tal-kafè ġo pakkett bil-kartuna tiegħu u fil-fatt inkissru ġol-pakkett, ġol-kartuna. Dak il-ħin, jiena tajtu bis-saħħa, ħadtlu l-mobile u bdejt nistordi minħabba li kelli ħafna bleeding ta demm u dak il-ħin hu qalli Isma, neħħi r-ritratti li trid imma ħallini, daqshekk". Imbagħad bdejna nimxu jien u Taha fid-direzzjoni tad-dar ta Taha għaliex id-dar tiegħu qiegħda żewġ toroq il-bogħod mid-dar li konna qegħdin fiha. Imxejna qisu 70 jew 80 metru imbagħad sibna blokka li qed tinbena jew qed tittella ġdida. Jiena qbadt u sibt biċċa briksa, Taha sab biċċa injama u għidtlu Isma, ahjar inżommuhom ma jmorrux jiġu warajna għax issa se jiffolowjaw lilna". Kif dorna ftit sibna erbgħa min-nies li ġew b karozza. … Il-karozza kienet sewda u naħseb li kienet BMW. … Kien hemm fiha Odei, Waddah, dak li tani daqqa bis-sikkina u dak li iġġilidna jien u hu. Marru biex jifthu l-bagoll ta wara biex iġibu xi affarijiet imbagħad rawna bil-briksa u bl-injama. Waddah qalli Jiena ma kontx naf li int u*

[58] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2022, fol. 421 sa' 425 tal-proċess.

*jiena m għandix x naqsam". Odei qalli l-istess diskors li m għandux x jaqsam u dawk bdew jgħidulna Isma, ejja niftehmu, inħassru r-ritratti u agħtuna l-mobiles lura". Immorru f xi dar u niftehmu sort of. Jiena dak il-ħin għidtilhom li m għandix problema, ftaħt il-bieb tal-karozza biex nirkeb, għidtilhom li jiena għandi daqqa go dahri, ma flaħtx noqgħod bil-wieqfa u aħjar insibu xi post jew dar u npoġġu bilqiegħda u nitkellmu. Odei qalilna biex immorru lura fid-dar tiegħu u nitkellmu hemmhekk. Kif ftaħt il-bieba tal-karozza biex nidħol ġo fiha, ġiet il-karozza tal-pulizija u arrestat lilna. Jien dak il-ħin stordejt, tajt it-telephones lil Taha u għidtlu Jekk jinqala xi ħaġa kissirhom jew ara kif tħassar l-affarijiet minn fuqhom". Kif ġew il-pulizija ħrabt jien u dak li ġġilidna jien u hu. Imxejna minn Santa Venera jew ħaddna d-direzzjoni minn Santa Venera lejn ir-Regina Auto Dealer, ftit qabel. Hu kien qed ikellimni u qalli biex inħassar ir-ritratti u biex nagħtih il-mobiles lura għaliex kien fihom ritratti tal-familja ta sid l-istess mobiles. Għidtlu Ejja d-dar tiegħi, aħsel wiċċek imbagħad niftehmu". Dak il-ħin qalli le, ħu mar direzzjoni lejn id-dar tiegħu u jiena mort id-dar tiegħi. Kif mort id-dar, xi ħadd mill-qraba tiegħi sab li hemm ferit kbira u ħadni lejn il-Furjana health centre. Dak li sar kollox.* Marwan Alshamari żied jgħid illi *meta ġew bil-karozza s-sewda li kienu fiha, dak il-ħin aħna ma ġġilidniex, konna qed nitkellmu biss u dik il-briska kien fiha d-demm fuqha għaliex kien id-demm tiegħi, dak li ħassejt fuq dahri. Meta bdejt nagħtih jew meta bdejna nagħtu, jiena tajtu b idejja għax kieku tajtu b xi ġebla jew xi ħaġa, kieku kien ikollu xi ksur jew xi ħaġa f rasu. Dak kollox li ġara.*

In kontro-eżami l-imputat Marwan Alshamari ddikjara li *hu*, ossia Mohamad Saalim, *kien qed jagħtini u jiena kont qed nagħtih però hu tani fuq wiċċi u jiena tajtu fuq wiċċu. … Bdejt nagħtih fuq wiċċu, fuq żaqqu imma naħseb l-iktar lejn in-naħa ta għonqu.* Mistoqsi jekk il-mobile phones ta' Saalim kienux għandu u min tahom lill-Pulizija, l-imputat wieġeb li filwaqt li ma jafx min tahom lill-Pulizija imma l-mobile phones in kwistjoni kienu għand l-imputat Taha Alhasan. Mistoqsi f'liema ħin ittieħdu l-mobiles minn fuq il-persuna ta' Mohamad Saalim, l-imputat Marwan Alshamari wieġeb: *wara li ġġilidna u tajna, hu waqa mal-art u qalli Issawwatnix iktar u hu l-mobiles, tkissirx il-mobiles u tħarisx iktar minn dak li hu tiegħek għaliex hemm ritratti t ommi u t oħti". Jiena għidtlu Jiena fil-bidu kellimtek bil-kelma t-tajba, għamilt kwarta nkellmek u inti m aċċettajtx, allura issa wara s-swat qed taċċetta li titkellem bil-kelma t-tajba?". Għidtlu Jiena se inkissru". Ħadthom u tlaqt.* Mistoqsi jekk il-mobiles kissirhomx, huwa wieġeb *le, jiena għidt lil Taha Jiena stordejt, hu l-mobiles u żommhom għandek. Il-problema kollha hi minħabba dawk il-mobiles u ħassar kollox li hemm ġo fihom".*

L-**imputat Taha Alhasan**[59] iddikjara li *jiena xtrajt il-kafè Għarbi u anke kikkri u ċempilt lil Marwan biex niltaqgħu u nsajru dak il-kafè. Qalli Stennieni fejn il-gabbana, għandi qisu nofs siegħa oħra u niġi". Għidtlu Le, inti fejn qiegħed? Issa filkas niġi jien". Qalli Jiena ġejt fejn id-dar l-antika fejn kont noqgħod minħabba xi dokumenti jew xi ċitazzjonijiet illi s-soltu nirċievi fil-posta". Mort għandu hemmhekk u meta wasalt hemmhekk kien qed jimxi mal-persuna l-oħra li jisimha Mohammed, kienu ħdejn il-bieb u kienu se jimxu u jiena bdejt nimxi warajhom. Bdew jitkellmu bejniethom Għalfejn dawk ir-ritratti qegħdin għandek u għalfejn ma tħassarhomx? Inti ma tiġix minnha bħala familja u m għandniex x naqsmu*

[59] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2022, fol. 426 sa' 430 tal-proċess.

*miegħek". Bdew jitkellmu biex iħassar ir-ritratti, jiena kont qisu 2 jew 3 metri l-bogħod u bdejt nisma dak id-diskors. Mort fuq Mohammed u għidtlu Isma, min hu missierek? Min huma l-qrabat tiegħek? Ħalli filkas inkellmuhom ħalli ma jkunx hemm ġlied". Dak il-ħin qisu ma bediex jirraġuna, aħna bdejna nkellmuh bil-mod u hu ġie u pponta lejn sidri u mbuttani u qalli Inti m għandekx x taqsam, tindaħalx" u jien għidtlu Le, dan jiġi minni u wieħed mill-qraba tiegħi". Dik kienet l-ewwel darba li kont qed narah, ma nafux jien lil dan. Għidtlu Dan jiġi minni u filkas inkellmu lil min jiġi minnek" u reġa mbuttani u beda jgħajjat. Dak il-ħin, Marwan imbuttah u bdew jiġġieldu bejniethom. Jiena ntfajt fil-ġenb u ma ndħaltx fiha l-ġlieda. Kien hemm xi ħaddiehor li kien ġej minn wara u kien ħdejn karozza, ma nafx min kien, ġie jiġri u ta daqqa ta sikkina lil Marwan ġo dahru. Jiena ippruvajt naqbdu imma kien ħarab. Hu kien qed jipponta biex anke jagħti lili, jien mort biex naqbdu imma qabad u ħarab. Mort lura fejn Marwan li kien waqqa lil Mohammed mal-art, Marwan beda jgħidlu Jiena ma rridx niġġieled, kulma rrid hu li tagħtini dawk il-mobiles biex inneħħi dawk ir-ritratti". Dak il-ħin, Mohammed qabad il-mobiles u tahom lil Marwan u Marwan dak il-ħin qalli Ejja nitilqu għax in-nies qed iħarsu mit-twieqi". Imxejna qisu 100 jew 200 metru, dorna fuq it-triq u ġiet karozza li kien fiha 4 persuni. Hemmhekk hemm blokka li kienet qed tinbena, jiena qbadt ġebla u Marwan qabad stikka. Meta raw li għandna l-istikka u l-ġebla, qalulna Isma, aħna ma rridux niġġieldu, aħna ġejna biex nirranġaw" u bdejna naraw fejn se mmorru bħala post. Konna qed nitkellmu u ġew il-pulizija. Dak il-ħin, il-mobiles kienu għand Marwan u qalli biex inżommhom għandi, ħadt il-mobiles għandi u ħrabna. Jien imxejt qisu xi 200 metru u qabduni l-pulizija u arrestawni.*

In kontro-eżami mistoqsi għalfejn ma tħassrux ir-ritratti minn fuq il-mobiles u l-mobiles tħallew hemm, Taha Alhasan wieġeb *ma kienx hemm ħin. Meta Marwan kien qed ikellmu, hu ma kienx qed jirraġuna fuq dak li qed jgħidlu Marwan u meta jiena staqsejtu Min hu missierek?" biex naraw min jiġi minnu u min huma l-qrabat tiegħu biex nikkomunikaw magħhom. Hemmhekk bdiet il-problema u beda jagħtini. … Jiena kont qed inkellmu biex inkun naf min huma l-qraba tiegħu u hu imbuttani u qalli Inti m għandekx x taqsam". Ġejt darba oħra biex inkellmu u nistaqsih u reġa mbuttani u reġa qalli Inti m għandekx x taqsam".* Dwar il-ġlieda bejn l-imputat Marwan Alshamari u Mohamad Saalim, Taha Alhasan iddikjara li kienu qed jagħtu bl-idejn wieħed lill-ieħor u li Marwan beda jagħtih kullimkien, f'wiċċu u f'ġismu kollu. Ikkonferma wkoll li l-Pulizija sabu l-mobiles ta' Mohamad Saalim fil-pussess tieghu.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati:**

L-imputati flimkien qed jiġu mixlija talli: (1) nhar is-27 ta' April 2021, għall-ħabta ta' bejn il-23:00hrs u l-23:30hrs ta' filgħaxija, ġewwa Triq Ġuze Pace, Ħamrun, u fl-inħawi tal-madwar, ikkommettew serq ta' mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix €2,329.37 u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Mohamad Saalim, u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entitajiet oħra; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Mohamad Saalim u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 267, 270, 274, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a), 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(ċ)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom għalhekk, l-imputati flimkien qed jiġu mixlija bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37 u bil-ħin a dannu ta' Mohamad Saalim.

Dwar l-elementi tar-reat ta' serq jiġi osservat illi l-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħti ebda definizzjoni ta 'dan ir-reat iżda l-elementi essenzjali għas-sussistenza ta 'l-istess huma ormai ben stabbiliti fis-sistema ġuridika nostrali u huma derivanti mill-insenjament tal-ġurista Carrara, li jiddefinixxi r-reat ta 'serq bħala *la contrettazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro.*

Issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu infissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi graita. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi prodott minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente. Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, minn jeħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif gia ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-*

*vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

L-imputati jikkontendu li huma ma serqux il-mobiles ta' Mohamad Saalim iżda kien hu stess li tahomlom wara li b'ċertu insistenza huma, o meglio l-imputat Marwan Alshamari kien qed jitlobhomlu biex iħassar xi ritratti minnu fuqhom.

Li l-kwistjoni kollha ddur ma' xi ritratti li Mohamad Saalim jidher li kellu fuq il-mobiles tiegħu, liema ritratti l-imputat Marwan Alshamari insista miegħu li kellu jħassarhom, huwa fatt inkontestat. Minn eżami tal-provi prodotti però l-Qorti hija ferm iktar konvinta mill-verżjoni mogħtija minn Mohamad Saalim, ossia li l-imputat Marwan Alshamari riedu jħassar xi ritratti mill-mobile iżda huwa rrifjuta u minħabba f'hekk hu u Alshamari bdew jargumentaw, b'Alshamari jagħtih daqqiet ta' ponn f'wiċċu u kif kien stordut bl-effett tad-daqqiet, dan ħadlu l-mobiles in kwistjoni minn fuq il-persuna tiegħu, milli l-verżjoni mogħtija mill-imputati li, wara li Mohamad Saalim u l-imputat Marwan Alshamari ġġieldu, Saalim minn jeddu ta l-mobile phones in kwistjoni lil Alshamari biex jitħassru r-ritratti.

Ma huwiex affattu kredibbli li Mohamad Saalim minn jeddu ta l-mobile phones tiegħu lill-imputat Marwan Alshamari meta hu, ossia Saalim, b'saħħa rrifjuta li jagħtihomlu, tant illi spiċċa ġie aggredit u msawwat mill-imputati. Lanqas ma huwa kredibbli li l-imputati ħadu l-mobiles minghand Saalim għax kien hu li tahomlom meta dawn, flok dak il-ħin stess jew ta' l-inqas fi żmien utili, ħassru dak li kellhom iħassru minn fuq il-mobiles u tawhom lura lil Saalim, żammewhom u addirittura ħarbu bihom. B'hekk mill-provi prodotti dak li jirriżulta huwa li l-imputati serqu l-mobile phones ta' Mohamad Saalim.

Għalkemm l-imputat Marwan Alshamari jipprova jargumenta li l-imputat Taha Alhasan ma kienx involut f'din il-kwistjoni, argumentazzjoni din avvanzata mill-istess Taha Alhasan ukoll, mill-provi prodotti dan jirriżulta assolutament mhux minnu.

Għad illi kien l-imputat Marwan Alshamari li kif Mohamad Saalim kien stordut b'effett ta' daqqiet ta' ponn li qala' f'wiċċu, ħa l-mobile phones ta' Saalim minn fuq il-persuna tiegħu, l-imputat Taha Alhasan, li kien mhux biss preżenti matul l-aggressjoni iżda kien anke parteċipi fiha (kwistjoni din li ser tiġi trattata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza), ftit ħin wara, u hawn qed nitkellmu kwistjoni ta' ftit sekondi, li seħħet is-serqa, huwa żamm u kellu fil-pussess tiegħu l-mobiles phones appena misruqa lil Mohamad Saalim. In effetti ma' l-arrest mill-Pulizija, l-imputat Taha Alhasan instab fil-pussess tal-mobile phones ta' Saalim.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-elementi tar-reat ta' serq ossia *the contrectatio of a thing, belonging to others, made fraudulently, without the consent of the owner* (dawn ittieħdu minn fuq il-persuna ta' Mohamad Saalim wara li l-imputat Marwan Alshamari tah daqqiet ta' ponn u stordih), *animo lucrandi* (bl-iskop li ċerta ritratti minn fuq dawn il-mobile phones jitħassru akkost ta' kollox) jissussistu fil-każ in eżami u l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li entrambe l-imputati huma fil-fatt ħatja ta' tali reat a dannu ta' Mohamad Saalim.

L-imputati qed jiġu mixlija li r-reat ta' serq a dannu ta' Mohamad Saalim huwa ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija provvedimenti tal-Liġi jipprovdu li: *is-serq huwa kkwalifikat bil-"vjolenza" - (a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà; (b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn.*

Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li l-kwalifika tal-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ ma tissussistix. Ma jirriżultax ipprovat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li fl-aggressjoni fuq Mohamad Saalim, l-imputat Marwan Alshamari uża xi arma - u hawn il-Qorti fil-kunċett ta' arma qed tinkludi wkoll kwalunkwe forma ta' ġebla jew briksa - biex jweġġa' u jikkaġuna ġrieħi lill-imsemmi Saalim. Għalkemm irriżulta li l-imputat Marwan Alshamari f'xi ħin kien qed iġorr briksa, meta din ġiet analizzata mill-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar, l-uniku profil ġenetiku li ħareġ kien dak ta' Marwan Alshamari u mhux ukoll ta' Mohamad Saalim[60]. Ladarba Saalim hariġlu ħafna demm hekk kif qala' d-daqqiet mingħand l-imputat Marwan Alshamari, wieħed jistenna li fuq il-briksa in kwistjoni kien jirriżulta d-DNA tiegħu wkoll, iżda dan ma kienx il-każ. Apparte minnhekk fl-aggressjoni u serqa a dannu ta' Mohamad Saalim kienu involuti biss iż-żewġ imputati Marwan Alshamari u Taha Alhasan u ħadd iktar.

In kwantu rigwarda l-provvediment ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-provi prodotti jirriżulta ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli li dakinhar tas-27 ta' April 2021, fl-inċident in kwistjoni, Mohamad Saalim ġie aggredit mill-imputati Marwan Alshamari u Taha Alhasan u hu sofra ġrieħi ta' natura ħafifa, hekk kif irriżulta mir-Relazzjoni u xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[61]. Jirriżula ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli wkoll li hekk kif kien stordut bl-effett tad-daqqiet li qala', l-imputat Marwan Alshamari ħadlu l-mobile phones tiegħu. Hawn għalhekk japplika ukoll dak provdut fl-Artikolu 262(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta: *sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex jgħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx*

[60] Relazzjoni markata Dok. "MC" a fol. 228 sa' 242 tal-proċess.
[61] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Diċembru 2021, fol. 320A sa' 320C tal-proċess u Relazzjoni markata Dok. "MS" a fol. 321 sa' 351 tal-proċess.

*jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.*

Għalkemm l-imputati jikkontendu li kien Mohamad Saalim li kien aggressiv lejhom u li huma ddefendew ruħhom u li l-imputat Taha Alhasan ma kienx involut fil-ġlieda, mill-provi prodotti dak minnhom affermat assolutament ma jreġix.

Mill-provi prodotti u partikolarment mir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[62], li nvista lill-imputat Marwan Alshamari u lil Mohamad Saalim żmien qasir wara l-aggressjoni, jirriżulta b'mod ċar li l-verżjoni ta' Saalim, ossia li l-imputat Taha Alhasan kien qed iżommu filwaqt li l-imputat Marwan Alshamari kien qed jagħtih, hija ferm iktar kredibbli u konvinċenti.

Lill-imputat Marwan Alshamari, l-Espert Mediku ma rriskontralu l-ebda ġrieħi f'wiċċu, ġrieħi li wieħed jippretendi li jkollu persuna li jgħid li qala' diversi daqqiet ta' ponn f'wiċċu. Mir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku fil-fatt jirriżulta biss is-segwenti fir-rigward ta' l-imputat Marwan Alshamari: *il-leżjoni deskritta fuq id-dahar ta' Alshamari Marwan kienet leżjoni suturata, magħmula minn strument li jaqta', ma kinitx fonda, ma ppenetratx il-kavità toraċika u għalhekk klassifikata bħala inċiżjoni magħmula minn strument li jaqta' u bil-ponta. Illi t-tbenġila deskritta fuq l-estremita inferjuri tal-lemin ta' Alshamari Marwan kienet kompatibbli ma' blunt trauma u kienet ilha li saret madwar jumejn mid-data ta' l-eżami medikolegali.* Id-daqqa ta' sikkina *ex admissis* ma ġietx inflitta minn Saalim u t-tbenġil kompatibbli ma' *blunt trauma* riskontrata fl-estremita inferjuri tal-lemin ta' l-imputat Marwan Alshamari hija ferm il-bogħod mill-wiċċ fejn l-imputat jallega li qala' d-daqqiet minghand Mohamad Saalim.

Mir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku jirriżulta li huwa biss Mohamad Saalim li kellu ġrieħi f'wiċċu kompatibbli ma' *blunt trauma* u dan allura jista' jfisser biss li Saalim kien qed jiġi miżmum waqt li qed jiġi msawwat; miżmum mill-imputat Taha Alhasan u imsawwat mill-imputat Marwan Alshamari.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-kwalifika tal-vjolenza (ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta) għar-reat ta' serq a dannu ta' Mohamad Saalim.

L-imputati qed jiġu mixlija wkoll li dan ir-reat ta' serq huwa kkwalifikat, apparte mill-kwalifika tal-vjolenza, bil-kwalifika tal-ħin u tal-valur ukoll.

In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-ħin, mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar ħafna, anzi lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li l-aggressjoni u konsegwenti serqa a dannu ta' Mohamad Al Shamari ġraw għall-ħabta tal-ħdax/il-ħdax u kwart ta' filgħaxija, ħin dan li bla dubju ta' xejn jaqa' taħt id-definizzjoni tal-kwalifika tal-ħin ai termini ta' l-Artikolu 270 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn hemm dispost li huwa kkwalifikat bil-"ħin" is-serq li jsir bil-lejl, jiġifieri, bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx.

[62] Relazzjoni markata Dok. "MS" a fol. 321 sa' 351 tal-proċess.

In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur, ai termini ta' l-Artikolu 267 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta din tissussisti meta l-valur ta' l-oġġett misruq ikun iktar minn €232.94. Mohamad Saalim iddikjara bla ebda eżitazzjoni li l-valur ta' wieħed mill-mobiles misruqa mill-imputati kien ta' €150, filwaqt li l-valur tal-mobile l-ieħor ukoll misruq mill-imputat kien ta' madwar €160, iżda bħala mobile kien ilu għandu. Għalkemm wieħed mill-mobiles kien ilu għand Mohamad Saalim u b'hekk il-valur tiegħu seta' niżel, il-Qorti hija tal-fehma li ż-żewġ mobiles flimkien, fejn wieħed minnhom huwa tal-valur ta' €150, anke jekk mobile minnhom kien ilu żmien għand il-vittma, ċertament jilħqu l-valur ta' €232.94, li jirrendi s-serq ta' l-istess mobiles kwalifikat bil-valur.

Fir-rigward ta' din il-kwalifika partikolari, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Hamza Kamel El Bakoush**, Appell Kriminali Nru. 256/17 deċiża fis-26 ta' Ġunju 2019: *skond is-sentenza fl-ismijiet "Pulizija vs Joseph Cutajar" il-Qorti ta' l-Appell diversament ippreseduta irriteniet is-segwenti: 'Meta qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kuljum tal-ġudikant, tkun tista' tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' l-ammont tal-ħsara (jew tal-valur ta' l-oġġett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabeż jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-Liġi (eż. jekk hux aktar minn għaxar liri, aktar minn ħamsin lira jew aktar minn ħames mitt lira - Art. 325(1), Kap.9), m'għandux jitqabbad perit biex jagħmel stima ta' l-oġġett jew oġġetti in kwistjoni proprju għax tali valutazzjoni ma tkunx "tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali" (Art. 650(1), Kap.9): l-ispejjeż ta' tali perizja u d-dewmien li din neċessarjament iġġib ikunu nutili u għalhekk inġustifikati. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ de quo, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament xejn li għandha tbiddel fis-sentenza appellata għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni.' Ċertament l-Ewwel Qorti għalhekk, anke abbażi tal-bwon sens, setgħet tasal għall-konklużjoni illi nuċċali tax-xemx ta' marka rinomata, telefwon ċellulari u camera tar-ritratti ċertament jeċċedu il-valur indikat fil-liġi li mhuwiex xi wieħed eżorbitanti ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu. Għalhekk anke dan l-aggravju* (li ma tressqux provi dwar il-kwalifika tal-valur għar-reat ta' serq) *qed jiġi miċħud.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputati huma ħatja tar-reat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-valur li ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37, u bil-ħin a dannu ta' Mohamad Saalim.

Bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom, l-imputati qed jiġu mixlija bir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Liġi aggravat, ai termini ta' l-Artikoli 86 u 87(1)(ċ)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dan ir-reat, issir rreferenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. Christopher Zammit"** pronunċjata fl-1 ta' Diċembru 2022, *sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti. Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in*

*diżamina:- "... the words arrest" "detention" and confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: Il reato preveduto nell articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un' altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested." Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza reċenti tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Josmar Pace, qalet hekk in propositu ta dan id-delitt:- Fi kliem l-awturi Smith & Hogan l-arrest jissusisti by words alone if one submits. [vide Il-Pulizija v Albert Cassar deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.] Maino fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall-artikolu 86 tagħna a fol 112 para. 788; Vol II billi jgħid: Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittma ogni possibilita di scampo o di soccorso" Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale jgħid: Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Fil-fehma tal-Qorti r-reat li bih qed jiġu mixlija l-imputati bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom ma jissussistix fil-każ in eżami u dana billi l-imputati fl-ebda ħin ma żammew lil Mohamad Saalim kontra l-volontà tiegħu fit-termini maħsuba fil-Liġi.

Huwa veru li l-imputat Taha Alhasan kien qed iżomm lil Mohamad Saalim waqt li l-imputat Marwan Alshamari kien qed jagħtih bil-ponn ġo wiċċu qabel ma għadda biex jisraqlu l-mobiles hekk kif Saalim intilef minn sensieh u waqa' ma' l-art, iżda din l-aggressjoni li tulha Mohamad Saalim kien qed jinżamm mill-imputat Taha Alhasan ma damitx *per un periodo di tempo di un certo rilievo* u lanqas ma l-istess Saalim kien f'posizzjoni li ma jiġix sokkors minn xi ħadd, anzi rriżulta ben ċar li kien hemm terza persuna qed issegwi liż-żewġ imputati u lil Mohamad Saalim u din aggrediet, ossia tat daqqa ta' sikkina lill-imputat Marwan Alshamari, meta dan kien qed jaggredixxi lill-istess Saalim.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati u għaldaqstant għandha tilliberahom mill-istess.

L-imputat Marwan Alshamari waħdu qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Mohamad Saalim, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif iċċertifikata minn Dr. Rowena-Marie Zrinzo, detentur ta' Numru tar-Reġistru Mediku 4632 mill-Isptar Mater Dei.

Din l-imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat Marwan Alshamari waħdu ġiet riflessa b'dan il-mod fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali:

• Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(ċ), 217, 218(1)(a)(b), 281(2).

Huwa evidenti li għalkemm l-Avukat Ġenerali indika artikoli, huwa naqas milli jindika l-Liġi speċifika għal liema jirreferu l-imsemmija artikoli tal-Liġi. Huwa evidenti għalhekk li a bażi tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju kif redatta mill-Avukat Ġenerali, il-Qorti ma tistax u in verità ma għandhiex tgħaddi biex tiġġudika lill-imputat Marwan Alshamari in kwantu ma tistax tgħid għal liema Liġi speċifika kien qed jirreferi l-Avukat Ġenerali u taħt liema din il-Qorti tista'/għandha ssib lill-imsemmi imputat ħati.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Marwan Alshamari waħdu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qed jinstabu ħatja l-imputati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li entrambe l-imputati għandhom fedina penali netta[63] kif ukoll il-fatt li fix-xhieda li ta Mohamad Saalim fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2021[64], ossia ftit ġranet wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa ddikjara li kien qed iħossu aħjar u li jaħfer lill-imputati ta' dak li ġara.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Marwan Alshamari waħdu u filwaqt ukoll li ma issibx lill-imputati flimkien ħatja tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom u b'hekk tillebara lit-tnejn li huma minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(ċ), 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputati ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li Mohamad Saalim ħafer lill-imputati għal dak li ġara, tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija, iżda billi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq kull wieħed mill-imputati, senjatament il-fatt li entrambe għandhom fedina penali netta u kif ingħad Mohamad Saalim ħafrilhom u b'hekk piena karċerarja effettiva ma hijiex waħda idoenja, a tenur ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq kull wieħed mill-imputati għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil entrambe l-imputati bi kliem ċar ir-responsabilità tagħhom taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huma jikkommettu, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

---

[63] Dok. "LZ2" u Dok. "LZ4" a fol. 10 u 12 tal-proċess.

[64] Fol. 52 sa' 64 tal-proċess.

In vista tal-fatt li Mohamad Saalim ħafer lill-imputati għal dak li ġara, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx ippreżentati provi dwar danni li Mohamad Saalim seta' sofra b'konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u peress ukoll illi l-mobiles tiegħu ġew rekuperati u jinsabu esebiti in atti, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati, flimkien u in solidum bejniethom, sabiex iħallsu s-segwenti ammonti lir-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali:

- Is-somma ta' €2,430.80, rappreżentanti terz ta' l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[65];
- Is-somma ta' €187.07 rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina tas-Scene of Crime Officers PS586 Mario Azzopardi u PS2293 Michelle Camilleri[66];
- Is-somma ta' €773.86 rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada[67];
- Is-somma ta' €172.83 rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[68];
- Is-somma ta' €388.69 rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku Dr. Alexander Scerri Herrera[69]; u
- Is-somma ta' €363.14 rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Tekniku l-Perit Valerio Schembri -

Komplessivament ammontanti għal **€4,316.39**. Din is-somma għandha titħallas fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[65] Fol. 242 tal-proċess.
[66] Fol. 256 tal-proċess.
[67] Fol. 304 tal-proċess.
[68] Fol. 351 tal-proċess.
[69] A tergo ta' fol. 379 tal-proċess.